# THE GOZO BUSINESS CHAMBER

The Brokerage, Level 4A, St Marta Street, Victoria VCT 2551, Gozo, Malta
Tel: (+365) 21550305
E-mail : info@gozobusinesschamber.org
Website : www.gozobusinesschamber.org


**PR GBC02/2020**

**Data**: 18/01/20

## Stqarrija maħruġa mill-Kamra tan-Negozju għal Għawdex: Laqgħa mal-Prim Ministru ta' Malta l-Onorevoli Dr Robert Abela

Il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex kellha laqgħa pożittiva fl-uffiċċji tagħha f'Għawdex, mal-Prim Ministru ta' Malta l-Onorevoli Dr Robert Abela, flimkien mal-Ministru għal Għawdex l-Onorevoli Dr Justyne Caruana. Ġew diskussi diversi temi fosthom il-governanza u l-ħtiġijiet tal-gżira Għawdxija. Il-Kamra tenniet l-impenn tagħha li Għawdex ikollu mudell ta' żvilupp sostenibbli li jirrispetta l-ambjent, imsejjes fuq governanza soda u istituzzjonijiet b'saħħithom. Il-Kamra saħqet li hi dejjem ħadmet favur l-interessi ta' Għawdex, u li l-impenn tagħha lejn Għawdex qatt ma naqas kemm f'fora lokali, nazzjonali u nternazzjonali. Il-President tal-Kamra Joseph Borg tenna l-kliem li kien qal fl-okkażżjoni ta' għeluq l-għoxrin sena tal-Kamra, li l-governanza mibnija fuq linji ta' trasparenza u etika hija neċessarja biex il-pajjiż kollu jimxi l-quddiem. Il-Kamra tirringrazzja lill-Prim Ministru ta' Malta l-Onorevoli Dr Robert Abela li għoġbu jiltaqa' mal-Kunsill tal-Kamra fl-uffiċċji tagħha.

===============

**Data**: 18/01/20

## Press Release issued by the Gozo Business Chamber: Meeting with the Prime Minister of Malta the Honourable Dr Robert Abela

The Gozo Business Chamber had a positive meeting in its offices in Gozo with the Prime Minister of Malta, the Honourable Dr Robert Abela, and the Minister for Gozo, the Honourable Dr Justyne Caruana. Various themes were discussed including the issues of governance and Gozo's needs. The Chamber reiterated its commitment of a sustainable model for Gozo that respects the environment, and that is built on good governance and strong institutions. The Chamber remarked that it has always worked in favour of Gozo's interests both at a local, national and international level. The President of the Gozo Business Chamber, Joseph Borg repeated his remarks made during the Chamber's 20th year anniversary, that governance built on ethical and transparent foundations, is necessary for the country to progress. The Chamber thanks the Prime Minister for having met with the Council of the Chamber in its offices.


Incorporated by Public Deed on 20th December 1999

Member of the Network of Insular Chambers of Commerce and Industry of the EU (Insuleur)
Member of the Observatory on Tourism for Islands Economy (OTIE)